**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antonello Magri)**

**vs**

**Paul Zerafa Le Gros**

**Kumpilazzjoni Numru: 254/2025 AC**

**Illum, id-9 ta' April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Paul Zerafa Le Gros**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 270395M, imwieled il-Pieta' nhar it-3 ta' Lulju 1995, bin Domenic Zerafa u Roseanne nee' Le Gros, u residenti 32, Casa Le Gros, Triq San Edwardu, Birżebbuġa, li

kien akkużat talli nhar it-22 ta' Marzu 2025 bejn is-01:00hrs u t-03:00hrs ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Lee Ann Galea (sieħba tiegħu)** f'periklu ċar ħebbejt għal **Lee Ann Galea (sieħba tiegħu)** u kkaġunajtilha offiża ta' natura skond kif ċertifikat minn Dr. Chantelle Said MD: 4614 tal-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 222(1)(a), 221(1) u 202(h)(l) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil **Lee Ann Galea (sieħba tiegħu)** biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontra l-konjuġi ta' qabel u ripetutament u dan bi ksur tal-Artikoli 251B(1); 251B(2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Lee Ann Galea (sieħba tiegħu)**;

4. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda inqas minn €2,500 għad-dannu ta' **Lee Ann Galea**;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża, kontra **Paul Zerafa Le Gros** għall-benefiċċju ta' **Lee Ann Galea** u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, din il-Qorti tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' **Lee Ann Galea**;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, din il-Qorti tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skont l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti kif preseduta bħala l-Qorti tal-Għassa nhar l-24 ta' Marzu 2025, b'dan li l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Antonello Magri qara u kkonferma l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li m'hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[3];

2. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fit-23 ta' Marzu 2025[4];

3. Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat datat it-22 ta' Marzu 2025[5];

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess u a fol 6 tal-proċess
[2] Ara a fol 8 tal-proċess
[3] Ara Dok AM1 a fol 9 tal-proċess
[4] Ara Dok AM2 a fol 10 tal-proċess
[5] Ara Dok AM3 a fol 11 tal-proċess

4. *NPS PCR Person Details* tal-imputat[6];

5. *NPS PCR Person Details* tal-*Parte Civile* **Lee Ann Galea**[7];

6. Okkorrenza bir-referenza GHQ/GBDV/701/2025[8];

7. Formola ta' Dikjarazzjoni ta' Rifjut mill-*Parte Civile* **Lee Ann Galea** sabiex tmur tirrisjedi f'*shelter* tal-Vjolenza Domestika datata t-22 ta' Marzu 2025[9];

8. Ċertifikat Mediku maħruġ fir-rigward tal-*Parte Civile* **Lee Ann Galea** datat it-22 ta' Marzu 2025 mit-tabiba Dr. Chantelle Said (MR: 4614)[10];

9. *Danger Assessment* fir-rigward tal-*Parte Civile* Lee Ann Galea datat it-22 ta' Marzu 2025 b'punteġġ ta' 11 (*Increased Danger*)[11];

10. CD li fiha l-Istqarrija Awdjo-Viżiva tal-imputat[12];

11. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[13];

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2025, din il-Qorti laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest, u dan permezz ta' digriet datat l-istess ġurnata[14];

Rat illi fl-istess seduta din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat a favur il-*Parte Civile* **Lee Ann Galea**, b'dan illi din l-Ordni għandha tkun viġenti fl-intier tagħha ad eċċezzjoni tal-aċċess għall-minuri li għandhom in komuni, u komunikazzjoni mal-*Parte Civile* dwar l-istess minuri[15];

[6] Ara Dok AM4 a fol 12 tal-proċess
[7] Ara Dok AM5 a fol 13 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok AM6 a fol 15 *et seq* tal-proċess
[9] Ara Dok AM7 a fol 20 *et seq* tal-proċess
[10] Ara Dok AM8 a fol 22 tal-proċess
[11] Ara Dok AM9 a fol 23 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok AM10 a fol 29 tal-proċess
[13] Ara Dok AM11 a fol 30 tal-proċess
[14] Ara a fol 31 tal-proċess
[15] Ara a fol 32 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat kien mixli nhar it-22 ta' Marzu 2025 bejn is-01:00hrs u t-03:00hrs ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Lee Ann Galea (sieħba tiegħu)** f'periklu ċar ħebbejt għal **Lee Ann Galea (sieħba tiegħu)** u kkaġunajtilha offiża ta' natura skond kif ċertifikat minn Dr. Chantelle Said MD: 4614 tal-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 222(1)(a), 221(1) u 202(h)(l) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil **Lee Ann Galea (sieħba tiegħu)** biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontra l-konjuġi ta' qabel u ripetutament u dan bi ksur tal-Artikoli 251B(1); 251B(2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Lee Ann Galea (sieħba tiegħu)**;

4. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda inqas minn €2,500 għad-dannu ta' **Lee Ann Galea**;

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet, u wara li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jirrikwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[16], li jfisser li l-Qorti tkun frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-aktar stadju bikri possibbli u ċioe' meta tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti nhar l-24 ta' Marzu 2025;

2. In-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u l-aggravji assoċjati magħhom, li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[17] u "familja jew unita' domestika"[18] *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li l-partijiet kienu f'relazzjoni ma' xulxin għal madwar sentejn u għandhom wild in komuni bl-isem ta' Leon ta' tmien (8) xhur;

3. Il-fedina netta tal-imputat;

Tenut kont dawn il-fatturi kollha għalhekk, din il-Qorti tqis li filwaqt li ma tistax tinjora l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet, tara li hemm bżonn li tibbilanċja r-rieda għall-ġustizzja mal-aspett soċjali tal-każijiet ta' Vjolenza Domestika, u dan partikularment meta jittieħed

---

[16] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

[17] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima";

[18] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(b) u 2(d) tal-istess Kapitolu, u ċioe':
"(b) persuni li għandhom jew li kellhom wild in komuni"
"(d) persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima";

in konsiderazzjoni l-fatt li l-partijiet għandhom wild ta' tmien (8) xhur in komuni. Għalhekk din il-Qorti temmen li hemm bżonn li din il-problema ta' bejn il-partijiet (speċjalment l-imputat li jindirizza l-problema tiegħu ta' rabja) tkun indirizzata fl-għeruq tagħha, u dan għall-ġid tal-partijiet infushom, imma aktar minn hekk, għall-benefiċċju ta' binhom li għadu ta' eta' daqshekk tenera.

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(iv), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 325(1)(b) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Paul Zerafa Le Gros ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu,</u>** pero' *stante* li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati **Paul Zerafa Le Gros** taħt **<u>Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' 3 snin mid-data ta' din is-sentenza</u>**, b'dan illi l-ħati **Paul Zerafa Le Gros** jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *Probation Officer* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet relattiv tal-lum u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza;

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lil **Paul Zerafa Le Gros** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni;

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digrieti tal-lum stess għandhom jiġu

trasmessi minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' **Paul Zerafa Le Gros**:

Il-*Probation Officer* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **Paul Zerafa Le Gros** taħt **Ordni ta' Trattament** **għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tar-rabja u kwalunkwe problema/vizzju li jista' jiġi kkonstatat, kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Paul Zerafa Le Gros** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Paul Zerafa Le Gros** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull sitt (6) xhur**;

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' **Ordni ta' Trażżin** fil-konfront tal-ħati **Paul Zerafa Le Gros** favur il-*Parte Civile* **Lee Ann Galea** **għal żmien sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza**, b'dan illi din l-Ordni għandha tkun viġenti fl-intier tagħha ad eċċezzjoni tal-aċċess għall-minuri li għandhom in komuni, u komunikazzjoni mal-*Parte Civile* dwar l-istess minuri, u għandha wkoll tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Paul Zerafa Le Gros** il-provvedimenti tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li jekk kien hemm xi danni sofferti, dawn ma kienux ikkwantifikati;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**